14 ta' Frar, 1995

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

Emanuel A. Bonello *pro et noe*

*versus*

Cecil Pace *et*

## Mandat ta' Impediment ta' Safar - Abbuż - Talba għal Garanzija għad-Danni u Penali

*L-attur talab li l-konvenuti jiġu inibiti milli jerġgħu joħorġu mandat ta' impediment ta'safar in kawtela tal-pretensjonijiet tagħhom ġa' dedotti jekk mhux qabel jagħtu garanzija xierqa għad-danni, penali u mgħax*

*li jkunu dovuti lill-istess attur.*

*L-eċċezzjoni kienet li din it-talba hija rritwali għaliex il-garanzija tingħata* *__wara__* *u mhux* *__qabel__* *ma joħroġ il-mandat.*

*Huwa ċar li din l-eċċezzjoni għandha tiġi milqugħa, it-talba għall-inibizzjoni li talab l-attur hija difatti inattwabbli billi tali garanzija tista' ovvjament tiġi stabbilita kwantitattivament mill-Qorti wara li tikkunsidra x'fih il-mandat u x'danni jista' jikkawża, u mhux qabel ma jkollha konoxxenza tal-pretensjoni attriċi espressa f'dak il-mandat.*

Il-Qorti:-

F'din il-kawża fl-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ l-attur talab lil dik il-Qorti biex tiddikjara li l-aġir tal-konvenuti jammonta għal disprezz lejn l-awtorita` tagħha u abbuż tal-proċeduri ġudizzjarji peress illi l-konvenuti ħarġu kontra tiegħu persistentement impedimenti ta' partenza - Mandati numri 339/89, 773/89, 881/89 u 1678/91 u dawn id-diversi mandati kienu dejjem jitħallew b'xi mod jew ieħor jiskadu sabiex il-meriti li allegatament kienu l-bażi ta' dawk il-mandati, b'din it-tattika, ma jiġu deċiżi qatt;

Fit-3 ta' Novembru, 1993 l-imsemmija Qorti iddeċidit il-kawża u qalet:

"Illi kif jirriżulta mill-atti ġudizzjarji li għalihom saret riferenza fil-premessi taċ-ċitazzjoni u fid-dikjarazzjoni li takkompanjaha, il-konvenuti bl-aġir tagħhom qegħdin jirrendu impossibbli għall-attur li jipprevalixxi ruħu mid-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 868 tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12) li jintitolawh li jitlob lill-Qorti todna lill-konvenuti li jġibu fiż-żmien li tagħtihom il-Qorti, garanzija tajba għall-ħlas tal-penali u tad-danni

u l-imgħaxijiet, u fin-nuqqas, tħassar il-mandat ta' impediment ta' safar kontra tiegħu;

Fil-fehma tagħha, l-unika eċċezzjoni li hija rilevanti għall-kawża odjerna, hija t-tmien eċċezzjoni tal-konvenuti, fis-sens li t-talba għall-għoti tal-garanzija a tenur tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 868 tal-Kodiċi ċitat issir wara l-ħruġ tal-mandat u mhux qabel, kif fil-fatt qed jintalab fil-każ odjern. Hawnhekk, ta' min jirrileva li l-konvenuti ħarġu mhux wieħed iżda diversi mandati ta' impediment ta' safar kontra l-attur. L-attur qed jaġixxi għax diġa' migdum, u ma jridx jerġa' jingidem. Normalment, li jiġri huwa li jinħareġ mandat ta' impediment ta' safar li jibqa' in vigore sakemm tiġi deċiża t-talba tal-persuna impeduta, għall-garanzija, billi fil-mori tal-kawża istitwita minnu għal dan l-iskop, iħallu l-mandat jiskadi u allura ma jkunx iżjed possibbli għall-attur li jitlob ir-revoka tal-mandat, pero' wara, jerġgħu joħorġu mandat ieħor. Għalhekk, l-aġir tal-konvenuti qed jirrendi ineffikaċi l-protezzjoni, mogħtija mill-artikolu 868 ġa' ċitat, lill-attur fil-konfront tal-konvenuti, u kif sewwa ssottometta l-attur, tali aġir jikkostitwixxi abbuż serju mill-proċeduri tal-Qorti u disprezz lejn l-Awtorita' ta' l-istess;

Hija massima legali li *ubi jus ibi rimedium* u għalhekk fil-fehma tal-Qorti, l-aġir abbużiv tal-konvenuti jiġġustifika t-talbiet attriċi biex l-attur ikollu l-possibbilta' tal-protezzjoni effettiva li għaliha huwa ntitolat a tenur tad-disposizzjoni ta' l-artikolu 868 (Kapitolu 12);

Fil-fehma tal-Qorti l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti huma legalment infondati u t-talbiet attriċi għandhom jiġu milqugħa;

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi billi tiċħad bħala nfondati l-

eċċezzjonijiet tal-konvenuti, u tilqa' t-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti";

Meta laqgħet it-talbiet ta' l-attur dik il-Qorti effettivament iddikjarat illi:

(a) L-aġir tal-konvenuti jammonta għal disprezz lejn l-awtorita` tal-qorti u għal abbuż mill-proċeduri ġudizzjarji; (b) il-konvenuti huma responsabbli għad-danni li qed isofri l-attur minħabba li ottenew il-ħruġ abbużiv tal-mandati; u (ċ) inibiet lill-konvenuti milli jerġgħu joħorġu mandat ta' impediment ta' safar in kawtela tal-pretensjonijiet tagħhom dedotti fiċ-ċitazzjonijiet numri 146 u 452 ta' l-1989 mingħajr qabel ma jagħtu garanzija xierqa għad-danni, penali u mgħax li jkunu dovuti lill-istess attur;

Il-konvenuti ħassew ruħhom aggravati minn din is-sentenza u għalhekk hawn dan l-appell:

Din il-Qorti tikkunsidra li meta s-sentenza appellata irriteniet illi t-tmien eċċezzjoni tal-konvenut kienet l-unika waħda rilevanti għall-kawża, allura kellha teżamina u tesprimi l-ġudizzju tagħha fuq l-istess eċċezzjoni. It-tielet talba ta' l-attur kienet fis-sens li l-konvenuti jiġu inibiti milli jerġgħu joħroġu mandat ta' impediment ta' safar in kawtela tal-pretensjonijiet tagħhom dedotti fiċ-ċitazzjonijiet numri 146 u 452 ta' l-1989 mingħajr qabel ma jagħtu garanzija xierqa għad-danni, penali u mgħax li jkunu dovuti lill-istess attur. L-eċċezzjoni kienet li din it-talba hija rritwali għaliex il-garanzija tingħata <u>**wara**</u> u mhux <u>**qabel**</u> ma joħroġ il-mandat;

Huwa ċar illi din l-eċċezzjoni għandha tiġi milqugħa u t-talba għall-inibizzjoni li talab l-attur hija difatti inattwabbli billi tali

garanzija tista' ovvjament tiġi stabbilita kwantitattivament *mill*-qorti wara li tikkunsidra x'fih il-mandat u x'danni jista' jikkawża, u mhux qabel ma jkollha konoxxenza tal-pretensjoni attriċi espressa f'dak il-mandat;

Is-sentenza appellata iddikjarat illi l-aġir tal-konvenuti jammonta għal disprezz lejn l-awtorita' tagħha u abbuż tal-proċeduri ġudizzjarji;

Din id-dikjarazzjoni li għamlet l-ewwel Onorabbli Qorti naturalment segwiet dak li ġie mitlub mill-attur fiċ-ċitazzjoni. Il-liġi, *fl-artikolu 866 (1) tal-Kapitolu 12 tipprovdi għall-każijiet fejn* il-mandat ta' impediment tas-safar jinkiseb 'fuq talba magħmula bil-qerq". Pero' ma sar ebda pronunzjament fuq il-possibbli ekwivalenza jew ekwipollenza tal-mitlub u dikjarat, u dak li huwa provedut, u għalhekk din il-Qorti m'hijiex f'posizzjoni li tindaga oltre. L-appellanti jillamentaw li fuq din l-ewwel talba attriċi ma sarux provi. Iżda minn dak li hemm indikat fl-istess dikjarazzjoni ta' l-attur fuq kif il-konvenuti kienu sistematikament jottjenu l-ħruġ ta' mandat ta' safar kontra l-attur, mbagħad ma jsegwuhx u jħalluh jiskadi, imbagħad jerġgħu jipproponu ieħor ġdid u jerġgħu jsegwu l-istess triq huma provi li jitkellmu waħedhom illustrati bil-kopji *tad-diversi mandati, u dan l-aggravju ma' jistax jiġi milqugħ;*

*Omissis*;

Għaldaqstant is-sentenza appellata hija riformata fis-sens illi filwaqt li l-ewwel żewġ talbiet attriċi huma milqugħa, it-tielet waħda hija riġettata;

L-ispejjeż ta' l-ewwel istanza għandhom jiġu sopportati

kwantu għal żewġ terzi mill-konvenuti u terz mill-attur filwaqt li dawk ta' dan l-appell jibqgħu bla taxxa.